MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2008

Avviz Numru. 7/2005

**Alfred Gera & Sons Limited C120**

**Vs**

**Jesmond Sant I.D. 17766M u Rita Sant I.D. 151865M ezercenti l-kummerc taht l-isem Save and Smile Discount Store**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu “in solidum” bejniethom s-somma ta’ erbat elef u tlett mija u sebgha u disghin lira u tlettax-il centezmu (Lm4,397.13) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenajta illhom mis-socjeta’ attrici (kopja fattura Dok. A).

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-istess fattura markata Dok A a fol 2 sa fol 4 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (Fol 12 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-konvenuti odjerni ghaddejjin prezentement proceduri ta' separazzjoni personali liema proceduri jinsabu quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Famlja).
2. Illi hemm kontestazzjoni minn naha tal-konvenuta Rita Sant fil-proceduri ghas-separazzjoni personali li dawn l-ammonti huma dovuti minnha izda biss mir-ragel taghha il-konvenut l-iehor.
3. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, jekk jigi deciz li dawn l-ammonti mitluba fl-avviz de quo huma dovuti, semmai ghandhom jigu imhallsa nofs b'nofs bejn il-konvenuti stante li bejniethom kien u ghad hemm vigenti l-komunjoni tal-akkwisti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta (fol 19 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi fl-ewwel lok, id-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenuta mara hija separata *de facto* minn ma' zewgha l-konvenut l-iehor u ilhom hekk sa minn Mejju tas-sena 2003;
2. Illi l-gestjoni tan-negozju msemmi huwa mhux biss amministrat mill-konvenut ragel izda wkoll kull qliegh mill-istess negozju huwa percepit minnu;
3. Illi d-djun maghmula fil-gestjoni ta' dan in-negozju, huma a kariku tal-konvenut ragel;
4. Illi l-artikolu 1324 tal-Kodici Civili ivesti l-amminstrazzjoni tal-atti normali ta' gestjni ta' kummerc f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dan il-kummerc u ghalhekk, il-konvenuta mara mhijiex responsabbli ghall-allegat dejn gjaladarba hija m'ezercitatx kummerc;
5. Salvi eccezzjonijet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi Andrew De Gaetano (fol 25 ibid), prodott bhala l-“accountant” tas-socjeta’ attrici oltre li kkonferma, taht gurament, il-kontenut tal-imsemmi dokument market “Dok A” , kompla billi xehed illi l-ammont ossija bilanc hemm specifikat kien ghadu dovut mill-konvenuti. Ulterjorment, hu esebixxa l-“credit application form” , in fotokopja datat l-24 ta’ Frar 2002 (ara fol 27 ibid) li “… kienet imtliet in konnessjoni max-xiri ta’ prodotti “on credit’ da parti tal-konvenut. Fl-istess dokument fejn hemm “Our payments by cheque requires signature/s of” hemm mnizzlin l-ismijiet tal-konvenuti bil-firem rispettivi taghhom.

Ikkunsidrat

Illi waqt li l-konvenut ma gab ebda prova il-konvenuta xehdet “in subizzjoni” (fol 28 ibid) illi, fost l-firem fuq l-applikazzjoni ghal kreditu imsemmija, kien hemm dik taghha.

Meta hi xehdet minn jeddha (fol 35 ibid) hi semmiet illi hi u zewgha kienu fi proceduri ta’ separazzjoni u dan minn Mejju 2003. Wara din id-data, l-istess zewgha kien qalilha sabiex titlaq mill-hanut u b’hekk ma baqghetx involuta aktar fil-gestjoni ta’ dan.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta ghamlet referenza ghall-aritkolu 1324 tal-Kodici Civili fejn jinghad illi “Normal acts of management of a trade business or profession being exercised by one of the spouses shall rest only in the spouse actually exercising such trade, business or profession even where those acts ………. would have constituted extra ordinary administration”.

Illi, pero, jidher ukoll, mill-imsemmi “credit application form” illi l-konvenuta iffirmat l-istess dokument u illi kull “cheque’ li jinhareg favur is-socjeta attrici kellu jigi ffirmat miz-zewg konjugi. Hawnhekk u permezz tal-istess dokument hi assumiet, flimkien ma zewgha kull

obbligazzjoni naxxenti minn dan id-dokument, vis-à-vis is-socjeta attrici, liema dokument gie ffirmat, mill-konjugi Sant, fl-24 ta’ Frar 2002.

Illi inoltre, jigi notatat illi l-procedura ta’ separazzjoni bejn l-istess konjugi ghadhom ghaddejjin sallum u ghalhekk, il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom ghadha vigenti.

Illi f‘dan ir-rigward il-Qorti tirrakomanda illi, minhabba c-cirkosanzi ta’ dan il-kaz, l-istess socjeta attrici tesegwixxi din is-sentenza billi, l-ewwel, tipprova taghmel dan fuq l-assi partikolari tal-konvenut kif ukoll fuq sehmu mill-komunjoni tal-akkwisti u dan avolja, trattasi ta’ obbligazzjoni ta’ natura kummercjali, hemm il-presunzjoni illi l-ammont in kwistjoni hu dovut “in solidum” bejn il-istess konjugi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex “in solidum” bejniethom jhallsu lill-istess socjeta attrici s-somma ta’ Lm4397.13 ossija €10,242.56 bl-imghax legali mis-6 ta’ Jannar 2005 sad-data  tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------